**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**SKOLA MEDJA RABAT**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**Frar 2016**

Marka

**It-Tmien Sena** | **STUDJI SOĊJALI** | **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem: ____________________________ Klassi: __________ Numru tar-reġistru: ______**

**Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' Taqsimiet (A, B, Ċ, D, E, F u G). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma it-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| bniedem | tolleranza | konflitt | reliġjon | serja |
| rispett | reliġjonijiet | drittijiet | idejat | individwalment |

Minkejja r- ________________________ varji li jeżistu, u l-effett li jħallu ________________________ fuq is-soċjeta', l-iskop prinċipali tar- ________________ jibqa' dak li toffri spegazzjoni u serħan il-moħħ lill- ________________________ li jipprattika t-twemmin. Madankollu, meta jiltaqgħu ________________________ differenti, hu faċli ħafna li jidħlu f'_____________________ bejniethom u ħafna drabi d-diżgwid ikun ta' natura _____________________ . Jinħass għalhekk il-bżonn t'aktar ________________________ u aktar ________________________ lejn it-twemmin differenti tal-bniedem. Din hija importanti ferm, tant li tinsab imniżżla bħala waħda mid- ________________________ fundamentali tal-bniedem.

**(10 marki)**

**Taqsima B: Qabbel il-termini f'Kolonna A mat-tifsira tagħhom f'Kolonna B billi tikteb in-numru t-tajjeb fin-nofs. L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju.**

| | KOLONNA A | | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| 1 | Kulleġġi | | Tagħlim li nirċievu mill-iskola, kulleġġ jew Universita'. |
| 2 | Edukazzjoni | | Taħriġ li pprovdut mill-post tax-xogħol, mill-komunita' jew minn xi organizzazzjoni. |
| 3 | Edukazzjoni Formali | | Sett ta regoli u liġijiet li jridu jinżammu biex ikun hemm l-ordni. |
| 4 | Edukazzjoni Informali | | Proċess li permess tiegħu s-soċjeta' tittrasmetti l-għarfien, il-ħiliet u l-valuri. |
| 5 | Edukazzjoni Nonformali | | Persuni li għażlu l-vokazzjoni li jgħallmu u jedukaw lit-tfal. |
| 6 | Dixxiplina | | Tagħlim li wieħed jibqa jitgħallem wara li jispiċċa l-iskola. |
| 7 | Illiterat | | Ġabra ta' sillabi u sistemi ta' tagħlim. |
| 8 | Inklużjoni | | Tagħlim li nirċievu meta nkunu mall-ħbieb, waqt xi passatemp jew l-isports, kif ukoll mill-midja. |
| 9 | Kurrikulu | | Persuna li ma tafx tikteb u taqra. |
| 10 | Għalliema | | Li ma nwarrbu lil ħadd u naċċettaw nies differenti minna fil-grupp. |
| 11 | Tagħlim tul il-ħajja | | Grupp ta' skejjel fejn l-istudenti jibqgħu telgħin flimkien fis-sistema edukattiva. |

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba biss.**

1 Ir-rwol tan-nanniet fil-familja jista' jkun li
a jmorru jgħixu f'dar għall-anzjani
b jagħtu l-pensjoni lit-tfal
ċ jgħinu fejn jistgħu fit-trobbija tan-neputijiet

2 Mhux dejjem naqblu flimkien għalhekk
a għandna kultant inċedu u naraw kif insibu ftehim
b għandna nġiegħlu lil sħabna jaqblu magħna
ċ għandna naraw kif tgħaddi dejjem tagħna

3 Hemm żewġ tipi ta' soċjalizzazzjoni
a primarja u sekondarja
b personali u soċjali
ċ formali u informali

4 In-normi soċjali huma

a regoli informali li jagħmluhom il-membri tal-grupp

b xi ħaġa li tista' tiddeċidihom int

ċ regoli ta'imġieba li jgħinuk tagħżel dak li hu tajjeb għalik

5 Il-*peer pressure* huwa

a grupp ta' ħbieb li jiltaqgħu ta' spiss

b l-influwenza qawwija tal-ħbieb fuqna

ċ grupp li ma tantx jafu lil xulxin

6 Fil-familja simetrika r-raġel u l-mara

a għandhom l-istess responsabbiltajiet u rwoli fil-familja

b huma miżżewġin u ma jkollhomx tfal

ċ jista' jkollhom it-tfal imma ma jkunx miżżewġin

7 Meta insemmu koabitazzjoni jkun ifisser li r-raġel u l-mara

a għandhom l-istess responsabbiltajiet u rwoli fil-familja

b huma miżżewġin u ma jkollhomx tfal

ċ jista' jkollhom it-tfal imma ma jkunx miżżewġin

8 Meta noħroġ mall-ħbieb għandi dmir li

a nieħu pjaċir

b ma naqlax ġlied

ċ nilgħab u nidħak

9 Meta nkun l-iskola għandi dritt li

a waqt il-brejk nilgħab ma sħabi

b noqgħod kwiet waqt il-lezzjoni

ċ nagħmel ix-xogħol kollu tal-iskola

10 Waqt il-logħob għandi dmir li

a nieħu pjaċir nilgħab

b nilgħab mal-istudenti l-oħra

ċ ma nilgħabx goff għax inweġġa' lil ħaddieħor

**(10 marki)**

**Taqsima D: Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex.**

1. Il-*peer group* hu magħmul mill-ġenituri, mill-aħwa u n-nanniet. VERU/FALZ

Għaliex?__________________________________________________________

________________________________________________________________

2. Kull persuna f'soċjeta' titwieled f'xi tip jew ieħor ta' familja. VERU/FALZ

Għaliex?__________________________________________________________

________________________________________________________________

3. L-edukazzjoni hija obbligatorja għax is-soċjeta' tħoss li hija mportanti.

VERU/FALZ

Għaliex?__________________________________________________________

________________________________________________________________

4. Fil-ħajja l-aktar importanti huma d-drittijiet mhux d-dmirijiet. VERU/FALZ

Għaliex?__________________________________________________________

________________________________________________________________

5. Internet jista' jgħinek u jista' jtellfek fl-istess ħin. VERU/FALZ

Għaliex?__________________________________________________________

________________________________________________________________

**(2 marki x 5=10 marki)**

**Taqsima E: Kieku int kont f'dawn is-sitwazzjonijiet x'kont tagħmel?**

1. Ħabib/a tiegħek qed tgħaddi ħafna ħin quddiem il-kompjuter, tant li kull meta tkunu tridu toħorġu bħala grupp flimkien, dejjem iġib l-istess skuża. Qed tarah/tara jinqata' waħdu/ tinqata' weħidha. Inti x'tagħmel f'sitwazzjoni bħal din?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

2. Ġorġ għadu kif issieħeb mal-iScouts tal-lokalita' fejn joqgħod. L-esperjenza li qed jieħu hija veru waħda pożittiva. Kieku kont minflok Ġorġ f'tgħidlu lil Simon biex tħajru jidħol magħkom u b'hekk ikun qed jitgħallem b'mod informali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Meta tkun qed tkellem lil sħabek fuq internet osservajt li wieħed/waħda minn sħabek qiegħed/qiegħda tgħajjar lil ħabib ieħor/ħabiba oħra. Int x'tagħmel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Wara l-ħin tal-iskola, int u sejjer/sejra id-dar bil-mixi, rajt xi studenti mill-iskola tiegħek li kienu qed jagħmlu ħsara u vandaliżmu fi ġnien qrib l-iskola. Kif iġġib ruħek inti f'sitwazzjoni bħal din?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(5 marki x 4 = 20 marka)**

**Taqsima F: Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

"Dari, malli nqum filgħodu kont nilbes biex hekk kif idoqqu s-sitta, inkun minn tal-ewwel li nixtri l-gazetta. Temp sabiħ jew dulluvju, dejjem noħroġ biex inkun naf x'qed jiġri. Fit-tmienja neqsin ħamsa nagħmel belgħa te, u noqgħod nisma' l-aħbarijiet fuq ir-redifjuxin (radju). Apparti xi bulettin matul

il-ġurnata, kont nistenna fuq ix-xwiek biex nara l-aħbarijiet fil-qosor tas-sitta fuq l-istazzjon nazzjonali. Fit-tmienja, imbagħad, ara min ikellimni għax jibdew l-aħbarijiet. B'hekk inħossni aġġornat dwar x'qed jiġri."

**Mistoqsijiet:**

1. Semmi **TLIET** mezzi oħra tal-komunikazzjoni li llum il-ġurnata wieħed jista' juża biex isegwi l-aħbarijiet?

(a) ______________________ (b) ______________________

(ċ) ______________________ (3 marki)

2. Semmi **TLIET** mezzi tal-komunikazzjoni li llum il-ġurnata wieħed jista' juża biex jisma' d-diski?

(a) ______________________ (b) ______________________

(ċ) ______________________ (3 marki)

3. Semmi **TLIET** mezzi tal-komunikazzjoni li llum il-ġurnata insibu r-riklami fuqhom?

(a) ______________________ (b) ______________________

(ċ) ______________________ (3 marki)

4. "Taqleb fejn taqleb reklami biss!" X'inhu l-iskop u l-użu tar-riklami?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

5. It-televiżjoni għal ċertu tfal sar qishu *babysitter*. Xi adulti biex iżommu lit-tfal kwieti jħalluhom quddiem it-televiżjoni. Semmi **ŻEWĠ** perikli li jġib miegħu ħafna ħin quddiem it-televiżjoni.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(4 marki)

6. Illum il-ġurnata l-internet sar jintuża ħafna fil-ħajja tagħna kemm mill-adulti kif ukoll mit-tfal. Semmi **TLIET** vantaġġi għaliex jintuża l-internet.

(3 marki)

**(20 marka)**

**Taqsima Ġ: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 150 kelma dwaru:**

1. F'Malta hawn tipi ta' familji differenti. Iddeskrivi **TLIETA** minnhom.
2. L-aġenti tas-soċjalizzazzjoni jaffettwaw il-ħajja tagħna, saħħitna, il-karattru tagħna u l-iżvilupp soċjali tagħna. Tkellem dwar **TLIETA** minnhom u għid kif dawn jinfluwenzawk.
3. L-influwenza tal-ħbieb tista' tkun kemm pożittiva kif ukoll negattiva.

**(20 marka)**